# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 9 ta' Jannar, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Xuereb)**

**vs.**

**Anna Maria Busuttil nee Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Anna Maria Busuttil nee' Grech ta' 50 sena, bint John u Concetta nee' Caruana, imwielda Hamrun fis-16 ta' Jannar 1958, residenti fi 18, 'Ta' Giovanna', Triq l-Igrett Isfar, Hal-Farrug, Luqa, u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 75458(M)

Akkuzata talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, f'Jannar 2007 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ordnat lil Melvin Zammit, Anthony Mark Micallef u Mario Demanuele, impjegati ta' Motor Tests Services Ltd, sabiex ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat,

b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe certifikati tal-VRT foloz;

2. kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ordnat lil Melvin Zammit, Anthony Mark Micallef u Mario Demanuele, impjegati ta' Motor Tests Services Ltd, sabiex, minhabba l-kariga jew l-impjieg taghhom, kienu fid-dmir li jaghmlu jew jaghtu dikjarazzjoni jew certifikat, u ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, u cioe certifikati tal-VRT foloz;

3. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-sitess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ordnat lil Melvin Zammit, Anthony Mark Micallef u Mario Demanuele, impjegati ta' Motor Tests Services Ltd, sabiex jaghmlu falsifikazzjoni fi skrittura privata li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli, u cioe certifikati tal-VRT foloz;

4. kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ordnat lil Melvin Zammit, Anthony Mark Micallef u Mario Demanuele, impjegati ta' Motor Tests Services Ltd, sabiex, bil-hsieb li jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz, u cioe certifikati tal-VRT foloz;

5. u aktar talli b'hekk kisret il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 meta ikkommettiet reat iehor wara li nghatat sentenza fejn giet illiberata taht kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien xahar, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-5 ta' Gunju 2006.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi ttrattata u deciza bil-procedura sommarja u rat li l-imputata iddikjarat li m'ghandhix oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fiz-zmien in kwistjoni, l-imputata kienet direttrici tas-socjeta Motor Test Services Limited, li kienet toffri servizzi ta' testijiet ta' vetturi ghal VRT, u jekk jghaddu dan it-test, tohorgilhom ic-certifikat relattiv. Din is-socjeta kellha impjegati maghha lil Anthony Micallef u lil Melvin Zammit bhala testers, u lil Mario Demanuele bhala helper.

2. Fl-24 ta' Novembru 2006, il-Pulizija irciviet rapport minghand l-Awtorita dwar it-Trasport fejn kien hemm allegazzjonijiet li kienu qed jinhargu certifikati tal-VRT's fuq vetturi, meta dawn il-vetturi ma jkunux gew fil-verita effettivament ezaminati u ittestjati.

3. Mill-investigazzjoni li saret mill-Pulizija irrizulta *inter alia* li fis-17 ta' Jannar 2017 inhareg certifikat tal-VRT minghand Motor Test Services Limited fuq il-vettura Land Rover LAW 657, li kienet tappartjeni lil Carol Camilleri. Carol Camilleri u zewgha Osama Mohammed Ben Milud ikkonfermaw li huma qatt ma tellghu din il-vettura ghat-test tal-VRT, izda kienu taw il-flus u l-log book lil certu Bartolomeo Agius, li kien gabilhom ic-certifikat tal-VRT.

4. Min-naha tieghu, Bartolomeo Agius ammetta li hu kien gab dan ic-certifikat tal-VRT lil Carol Camilleri u r-ragel taghha, kif ukoll ammetta li anke hu stess kien igib certifikati tal-VRT minghajr ma jtella' l-vetturi ghat-test. Huwa ammetta li fis-17 ta' Gunju 2005, huwa kien ottjena ic-certifikat tal-VRT b'dan il-mod irregolari fuq il-vettura tieghu Bedford Truck DAF 476, u dan ic-certifikat huwa wkoll mahrug minn Motor Test Services Limited. Huwa qal li dawn ic-certifikati kien igibhomlu Joseph Camilleri.

5. Mario Demanuele, impjegat ta' Motor Tests Services Limited, ammetta li kien hu li hareg ic-certifikat tal-VRT fuq il-vettura Land Rover LAW 657, minghajr mal-vettura giet ittestjata. Huwa qal li dan ma kienx kaz izolat, izda kienu jinhargu dawn ic-certifikati tal-VRT b'mod regolari, minghajr mal-vetturi ma jigu sottomessi ghat-testijiet relattivi. Hu qal li dan kien jaghmlu fuq l-istruzzjonijiet tal-imputata, il-principal tieghu.

6. Iz-zewg impjegati l-ohra ta' Motor Tests Services Limited, Anthony Mark Micallef u Melvin Zammit ukoll ammettew li kienu johorgu dawn ic-certifikati tal-VRT b'dan il-mod irregolari, fuq struzzjonijiet tal-imputata.

7. L-imputata innegat l-allegazzjonijiet li saru kontriha mill-impjegati taghha.

8. Il-Pulizija istitwiet proceduri kriminali kontra t-tlett impjegati Anthony Micallef, Melvin Zammit u Mario Demanuele ghal komplicita fil-hrug ta' certifikati foloz tal-VRT, u dawn ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontrihom, u gew ikkundannati b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta. Il-Pulizija istitwiet ukoll proceduri kriminali kontra Carol Camilleri u Bartolomeo Agius dwar l-istess reati, li wkoll ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontrihom, u gew ikkundannati b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta.

9. Il-Pulizija istitwiet ukoll proceduri kriminali kontra Joseph Camilleri dwar l-istess reati, li kienu ghadhom pendenti meta gew istitwiti dawn il-proceduri, u li pero gew decizi fil-mori ta' dawn il-proceduri, b'sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Gunju 2009, fejn gie misjub hati ta' komplicita sabiex xjentement saret dikjarazzjoni falza lil xi awtorita pubblika.

**Konsiderazzjonijiet Dwar Htija**

*Kunsiderazzjoni Preliminari – L-Ammissibilita tal-Istqarrijiet tal-Imputata*

Ghalkemm id-difiza ma ssollevat xejn fir-rigward, din il-Qorti thossha obbligata li tissolleva *ex officio* il-kwistjoni tal-ammissibilita taz-zewg stqarrijiet rilaxxati mill-imputata. Il-Qorti tqis li ghandha tiskarta l-istqarrijiet taghha u dak kollu li qalet lill-Ispettur Investigatur qabel l-interrogazzjonijiet, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

*Il-Meritu*

Il-persuni fuq imsemmija telghu jixhdu f'dawn il-proceduri, u ikkonfermaw dak li huma qalu lill-Pulizija waqt l-interrogazzjoni, u dak li ammettew fil-kawzi rispettivi taghhom. Fir-rigward ta' Joseph Camilleri, dan ukoll xehed f'dawn il-proceduri, fejn qal li hu jiftakar kaz wiehed biss u cioe fejn Bartolemeo Agius ghaddielu l-log book tal-Land Rover LAW 657, u hu kien ghaddihom lil certu Emanuel Vella, li dak iz-zmien kien ufficjal tal-Pulizija, u kien dan Vella li tah ic-certifikat falz tal-VRT ghal din il-vettura mahrug mis-socjeta Motor Tests Services Limited.

Pero hlief ghat-tlett impjegati ikkundannati, u x-xhud Andrew Spiteri li kultant kien jaghmel xi xoghol ta' tester ghall-imputata, ix-xhieda l-ohra kollha jghidu li lill-imputata ma jafuhix u l-Pulizija Emanuel Vella, li jissemma mix-xhud Joseph Camilleri, ma ttellax jixhed u ghalhekk ma giex stabbilit xi ness bejn dan Emanuel Vella u l-imputata.

Madanakollu, mill-provi jirrizulta ampjament li mhux biss ic-certifikati tal-VRT ezebiti in atti tal-vetturi Land Rover LAW 657 u Bedford Truck DAF 476 huma foloz, imma mix-xhieda tat-tlett impjegati Anthony Micallef, Melvin Zammit u Mario Demanuele, jirrizulta li dawn kienu johorgu certifikati foloz tal-VRT fuq bazi regolari – medja xi hmistax (15) - ghoxrin

(20) certifikat bejniethom fil-gimgha – ghax kienu johorgu ic-certifikat minghajr mal-vettura tkun biss giet ispezzjonata jew ittestjata minn xi hadd minnhom. Huma t-tlieta jinsistu li dan kienu jaghmluh fuq ordnijiet tal-imputata, il-principal taghhom, li kienet ittihom il-log book tal-vetturi relattivi, sabiex setghu johorgu dawn ic-certifikati foloz, u li ma kienux jithallsu extra ghal dak li kienu jaghmlu.

Mix-xhieda ta' Jennifer Debono, rapprezentat tal-Employment Training Corporation, jirrizulta li Anthony Micallef gie impjegat mas-socjeta Motor Tests Services Limited fl-1 ta' April 2004, Melvin Zammit fit-2 ta' Jannar 2004 u Mario Demanuele fil-5 ta' Mejju 2003, u l-impjieg tat-tlieta li huma gie terminat fil-31 ta' Dicembru 2007. Huma t-tlieta xehedu li l-imputata bdiet tordnalhom johorgu dawn ic-certifikati foloz ftit xhur wara li bdew jahdmu. Dan ifisser li dawn it-tlett impjegati kienu damu johorgu dawn ic-certifikati foloz fuq bazi regolari ghal mill-inqas circa tlieta (3) jew erba' (4) snin.

Illum hija dottrina stabbilita fil-kamp penali, li ma hemmx bzonn li dak li jghid xhud li jkun komplici f'delitt jigi korroborat minn xhieda ohra, stante li jekk emmnut, dina wahidha hija bizzejjed ghas-sejbien ta' htija (ara Artikolu 639(4) tal-Kodici Kriminali). Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghala ix-xhieda ta' dawn it-tlett impjegati ghandha tigi skartata jew mhux emmnuta.

L-imputata ma ressqet l-ebda prova sabiex tikkontradixxi l-istess, hlief li talbet lill-Prosekuzzjoni li tezebixxi il-fedina penali ta' dawn it-tlett imputati, kif effettivament sar. Minn dawn il-fedini penali jirrizulta li Mario Demanuele biss kellu fedina penali netta qabel dan l-incident, u fl-2013 ikkommetta r-reat li naqas li jirraporta lill-pulizija li sab telefon cellulari mitluf. Mark Anthony Micallef kien instab hati ta' ksur tal-ligijiet dwar zamma ta' armi tan-nar, kif ukoll ta' uzu ta' dokumenti foloz, u li ghamel dikjarazzjoni falza lil xi awtorita pubblika. Melvin Zammit kellu kundanna li kellu fil-pussess tieghu biljetti ta' flus Maltin falsifikati. Pero, fl-opinjoni kunsidrata ta' din il-Qorti, dawn il-kundanni precedenti ma jfissrux li Micallef u Zammit ma qalux il-verita f'dawn il-proceduri. Inoltre, ix-xhieda taghhom hija korroborata minn dik ta' Demanuele li kellu fedina penali netta, u li kien l-aktar wiehed li kien ilu impjegat mas-socjeta in kwistjoni.

Inoltre huwa rilevanti li mid-dokumenti tal-Employment Training Corporation jirrizulta li wara li l-impjieg taghhom it-tlieta gie terminat fil-31 ta' Dicembru 2007, huma t-tlieta regghu

gew impjegati b'effett mill-1 ta' Jannar 2008 mas-socjeta Gam Holdings Ltd, li ghandha l-istess indirizz tas-socjeta Motor Tests Services Limited. U minkejja dawn il-proceduri pendenti, b'effett mit-8 ta' Settembru 2008, huma t-tlieta regghu gew impjegati mas-socjeta Motor Tests Services Limited.

L-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputata jikkontemplaw komplicita f'diversi reati ta' falsifikazzjoni, u cioe dawk ikkontemplati fl-artikoli 183, 185(2), 187(1) u 188 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li dawn l-imputazzjonijiet inghataw kollha bhala imputazzjonijiet alternattivi, u dan peress illi kull disposizzjoni tal-ligi tikkontempla kuncett legali separat ta' modalita kif jigi kommess il-falz.

**Il-Prof. Anthony Mamo** fil-ktieb tieghu **Notes on Criminal Law** jghid hekk fuq it-tema tal-falsita:[1] *"In all crimes of forgery of documents, the material element consists, as we have already said, in the counterfeiting or altering of the document. It is a fundamental rule in this matter that the object of the falsification must be the very writing itself.*

*"Accordingly" – says Kenny (op.cit., p. 298) – "an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not … … Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself."*

*Italian writers express the same idea by saying that forgery must be in the "materialita della scrittura", i.e. the public or private writing in its external conditions as a document."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Paul Galea**, deciza fis-17 ta' Ottubru 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[2] irriteniet hekk: *"(I)d-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku kif spjegata mill-awturi giet deskritta b'dan il-mod: "filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tieghu (ara Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986) p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p.829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-*

[1] Ara fol. 160-161.
[2] *Per* Imhallef V. De Gaetano.

*dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin 'non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero'. Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar, u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, ecc."*

Ma hemmx dubbju li l-fattispecje tal-kaz odjern jaqghu fil-parametri tar-reat kontemplat fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, u cioe l'hekk imsejjah falz ideologiku. Dan peress li c-certifikat tal-VRT li kienu johorgu dawn it-tlett impjegati, kien att awtentiku fih innifsu. Madanakollu, dan ic-certifikat kien jikkontjeni dikjarazzjoni falza jew jaghti taghrif falz. Konsegwentement, l-imputata tista' biss tinstab hatja ta' komplicita (billi hi kienet taghti l-ordnijiet lit-tlett impjegati) tar-raba' imputazzjoni dedotta kontra taghha, u se tigi illiberata mill-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti kontra taghha.

Pero mill-provi jirrizulta wkoll li l-imputata ikkommettiet dan ir-reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza moghtija fil-5 ta' Gunju 2006 minn din il-Qorti (diversament preseduta) fejn giet illiberata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien xahar. Mix-xhieda tat-tlett imputati jemergi car li bejn is-6 ta' Gunju 2006 u l-5 ta' Lulju 2006, huma kienu qeghdin johorgu certifikati tal-VRT foloz fuq istruzzjonijiet tal-imputata. Konsegwentement, il-hames imputazzjoni dedotta kontra l-imputata giet debitament ippruvata.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Mill-fedina penali aggiornata tal-imputata jirrizulta li l-unika kundanna li ghandha l-imputata hija fil-fatt din il-kundanna tal-5 ta' Gunju 2006 fejn instabet hatja tal-kontravvenzjoni li minghajr ma darbet jew sawwtet, heddet bil-gebel u bi hwejjeg ohra iebsa jew waddbithom lil zewgha.

Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar kif ser titratta mal-imputata dwar il-piena. Huwa vera li l-imputata ghal diversi snin tat ordnijiet lit-tlett impjegati taghha sabiex jikkomettu reat kontra l-fiducja pubblika, u l-hrug tac-certifikati tal-VRT huwa intiz sabiex jipprotegi kemm lis-sewwieqa nfushom tal-vetturi, kif ukoll lis-socjeta in generali minn incidenti stradali jew ta' tip iehor, dovuti ghal fatt li l-vettura ma tkunx *"roadworthy"*. Din il-Qorti bl-ebda mod ma trid timminimizza l-gravita ta' dan ir-reat, anke tenut kont tal-fatt li dan kien reat kontinwat ghal numru ta' snin.

Min-naha l-ohra jirrizulta li ghalkemm l-imputata ghandha illum sittin (60) sena, l-unika darba li l-imputata xelfet difrejha mal-ligi kienet fi glieda kontra r-ragel taghha fejn ikkommettiet kontravvenzjoni. Ghalhekk, oggettivament piena karcerarja effettiva ma hijiex idonea fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz. Pero, il-piena ta' multa, li hija wkoll kontemplata fl-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali tkun piena miti wisq, tenut kont tal-gravita tar-reat kontinwat kommess mill-imputata.

Pero, hemm kumplikazzjoni ghaliex ghal din il-kontravvenzjoni, l-imputata inghatat l-liberta kundizzjonata ta' xahar, u f'dawn il-proceduri, irrizulta li l-imputata ikkommettiet ir-reat kontemplat fir-raba' imputazzjoni matul dan ix-xahar. L-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta jippreskrivi illi:

*"(1) Jekk persuna li fil-kaz taghha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni ghall-liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinhareg fir-rigward taghha dikjarazzjoni ta' htija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti –*

*(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun ghamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, <u>tista'</u> tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat; ... ..."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Disposizzjoni sostanzjalment simili ghal dan l-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 kienet tezisti fl-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152, liema Kapitolu huwa illum abrogat, u sostitwit bil-

Kapitolu 446.[3] L-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 kien gie interpretat fis-sentenza **Il-Pulizija v. Andrew Buhagiar** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-16 ta' Gunju 1999, fejn gie ritenut illi: *"L-usu tal-kelma sottolineata "tista" – "may" fit-test ingliz – ma jfissirx li dik il-Qorti ghandha xi ghazla fis-sens li tista' tittratta ma' dik il-persuna u tista' ma titrattax maghha, kif donnu ried ifisser l-abbli difensur tal-appellat. Il-Kap. 152, infatti, anqas biss jikkontempla l-possibilita li dik il-Qorti taghzel li ma titrattax mal-persuna li tkun kisret l-ordni ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni. Il-kelma "tista'" f'dan il-kuntest tfisser biss li dik il-qorti jkollha s-setgha li tittratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-qorti. Ghalhekk, kemm fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 10, kif ukoll fil-paragrafu (a) tal-istess subartikolu, il-kelma "tista" fl-espressjoni "tista' tittratta ma' dik il-persuna" tfisser li l-qorti li tkun ghandha tittratta ma' dik il-persuna."*[4] (sottolinear dik il-Qorti).

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, din l-interpretazzjoni li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat lill-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152, ghandha tapplika bl-istess mod fl-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446, li kif diga inghad huwa sostanzjalment simili.[5] Fil-kaz odjern, il-liberta kondizzjonata giet imposta fuq l-imputata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), u konsegwentement din il-Qorti hija obbligata li tittratta mal-imputata kif jipprovdi l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif diga inghad, bis-sentenza tal-5 ta' Gunju 2006, l-imputata instabet hatja ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna ta' zewgha, u inghatat il-liberta kondizzjonata ghal zmien

---

[3] L-artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 kien jippreskrivi hekk: *"Jekk persuna li fil-kaz taghha jkun gie maghmul ordni ta' probation jew ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni tigi 'l quddiem misjuba hatja minn jew quddiem xi qorti ta' reat maghmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu tal-liberazzjoni taht kondizzjoni, il-qorti –*
*(a) jekk tkun l-istess qorti li kienet ghamlet l-ordni tal-probation jew l-ordni ta' liberazzjoni taht kondizzjoni tista' tittratta ma' dik il-persuna ghar-reat li ghalih l-ordni gie maghmul b'kull mod li bih kienet tkun tita' titratta maghha kieku kienet ghadha kif giet dikjarata hatja minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat;*
*(b) jekk tkun qorti differenti, ghandha tibghat lil dik il-persuna quddiem il-qorti li minnha l-ordni ta' probation jew l-ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni kien maghmul u dik il-qorti ghandha, malli jkun prattikabbli iggieghel lil dik il-persuna li tidher jew tingieb quddiemha u fuq prova ghas-sodisfazzjoni tal-qorti tad-dikjarazzjoni ta' htija dwar ir-reat l-iehor tista' tittratta ma' dik il-persuna ghar-reat li ghalih l-ordni kien gie maghmul b'kull mod li bih kienet tista' tittratta maghha kieku kienet ghadha kif giet misjuba hatja ghal dak ir-reat minn jew quddiem dik il-qorti."*
[4] Ara fl-istess sens is-sentenza **Il-Pulizija v. Raymond Callus** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-10 ta' Dicembru 2001.
[5] Ara wkoll fl-istess sens is-sentenza **Il-Pulizija v. Duranovic Coreschi** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Settembru 2011.

xahar. Ghaldaqstant, din il-Qorti hija obbligata li tinfliggi piena fuq l-imputata ghal din il-kontravvenzjoni li taghha instabet hatja fis-sentenza fis-sentenza imsemmija.

Konsegwentement, is-subincizi (2) u (3) ta' l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446[6] jipprojbixxu lil din il-Qorti milli tpoggi lill-hatja taht sanzjoni komunitarja, filwaqt li l-Artikolu 28A(7)(c) tal-Kodici Kriminali[7] jipprojbixxi lil din il-Qorti milli timponi sentenza sospiza. Dan ifisser li fl-opinjoni tal-legislatur, il-piena idoena f'kazijiet simili ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva.

Pero wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li ir-reat li ghalih l-imputata inghatat il-liberta kundizzjonata kienet kontravvenzjoni, u li dan hu l-uniku reat li tieghu instabet hatja f'hajjitha. Inoltre mix-xhieda u r-rapport tal-Ufficjal tal-Probation Marilyn Formosa jirrizulta li jekk tinghata sentenza ta' prigunerija effettiva, hemm ir-riskju li l-imputata titlef il-licenzja tax-xoghol taghha ghaliex hi ghadha tmexxi n-negozju tal-garaxx fejn isiru t-testijiet tal-VRT. Din hija problema ghaliha minhabba li hija tiddependi ghal ghajxien taghha fuq dan l-impjieg. Huwa vera, li l-hatja missha qieset il-konsegwenzi tal-agir taghha qabel ma ddecidiet li tikkommetti r-reat li tieghu instabet hatja b'din is-sentenza, pero min-naha l-ohra l-piena ghandha tkun ikkalibrata u proporzjonata. Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta wkoll li l-hatja hija idonea sabiex twettaq xoghol fil-komunita.

Tenut kont tas-suespost, u wara li din il-Qorti irriflettiet fit-tul, hija waslet ghall-konkluzjoni li dawn huma cirkostanzi specjali u straordinarji ghandhom iwasslu ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali.

---

[6] L-Artikolu 23(2) jippreskrivi illi: *"Bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tigi ttrattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun giet kondizzjonalment liberata, jew il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1)."*
L-Artikolu 23(3) jippreskrivi illi: *"Is-subartikolu (2) m'ghandux japplika meta r-reat maghmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata u li dwaru l-persuna sussegwentement tigi dikjarata hatja , jkun kontravvenzjoni jew ikun delitt ta' omicidju involuntarju, jew offiza involontarja fuq il-persuna, jew hsara involontarja fuq il-proprjetà."*

[7] L-Artikolu 28A(7)(c) jippreskrivi illi: *"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ma ghandux isir f'xi wiehed mill-kazijiet li gejjin - ... ...*
*(c) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-Probation."*

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. issib lill-imputata mhux hatja tal-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u qed tilliberaha minnhom;

2. wara li rat l-Artikoli 18, 42(a), 43 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tar-raba' imputazzjoni dedotta kontriha, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-istess Kapitolu 9, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tikkundannaha ghal piena karcerarja ta' sentejn prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qeghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. A tenur ta' l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza, il-Qorti qed tqieghed lill-hatja taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien sentejn mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqha skond l-Ordni ta' Supervizzjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

4. Inoltre a tenur tal-Artikolu 28G(1A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda, tqieghed lill-hatja taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita, kif imfisser fl-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi taghmel xoghol bla hlas ghal tlett mitt (300) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

5. Il-Qorti wissiet lil hatja bi kliem car il-konsegwenzi jekk hija tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza jew jekk tonqos milli ssegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Supervizjoni jew jekk tonqos li tikkonforma ruhha mal-Ordni ta' Servizz fil-Komunita.

6. Inoltre, in vista tal-fatt li din il-Qorti sabet lill-imputata hatja tar-raba' imputazzjoni, u cioe li kisret il-kundizzjonijiet tal-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata tal-5 ta' Gunju 2006, maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, din il-Qorti qeghda, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tittratta mal-hatja ghall-imputazzjoni li dwarha hija kienet tpoggiet taht tali ordni, daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti ghal dik l-imputazzjoni, u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni, tirrevoka l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata maghmula bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikolu 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hatja ghal piena ta' ammenda ta' hamsin Euro (€50.00), li ghandha tithallas minnufih, u fin-nuqqas ghandha tigi konvertita fi prigunerija skond il-ligi.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordnijiet moghtija fiha ghandha tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**